MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru. 454/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Vs**

**Mandy Agius**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Mandy Agius ta’ 19-il sena bint Jesmond u Laura nee Attard, imwielda tal-Pieta’ fis-26 ta’ Ottubru 1987 u residenti 231 Rose Villa Ambrosa Street Hamrun detentur tal-karta tal-identita’ numru 478987 (M)

a) Akkużata talli fil-lejl ta’ bejn is-6 u 7 ta’ Ġunju 2006 ġewwa dawn il-Gżejjer, ittraffikat, biegħet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegħ, jew tqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika

bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) Ukoll talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjojni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputata, iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 4789 tal-1987, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2007, l-proċes verbal intitolat 'Smigħ ta' xhieda ta' Mandy Agius taħt ġurament' redatt mill-Maġistrat Dr Joseph Apap Bologna fl-24 t'Ottubru 2006, u d-dikjarazzjoni tad-difiża li l-pussess sempliċi tal-medicina ristretta u psikotropika kien qed ikun ammess mill-imputata (fol 5).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Skond l-ex spettriċi Nadia Lanzon, ċerta Alison Galea kellha overdose wara li kienet belgħet pillola ecstasy. Hi kienet qalet li marret ma' żewġt iħbieb tagħha, cioe', Mandy Agius u persuna oħra . Alsion qalet li kienet Mandy li ġabet il-pilloli ecstasy u kienu miftehmin minn qabel bejniethom. It-tnejn kienu kkonsmaw il-pilloli. L-imputata kienet irrilaxxjat strqarrija li kienet ikkonfermat quddiem il-Maġistrat tal-Għassa.

Alison Galea xehdet li kienu xtraw pillola u nofs u ħadu tliet kwarti kull wieħed. Huma kienu kkonsmawhom fuq il-

post. Hija qalet li ċerta Charlene tat il-pilloli lilhom it-tnejn u qalet ukoll li l-flus tathom direttament lil Charlene.

Ix-xhud ikkonfermat bran twil li l-Prosekutur qralha mill-istqarrija tagħha. Hi kienet qalet li kienu ftehmu li ser jieħdu pillola ecstasy. L-imputata kienet qaltilha li kull pillola tiswa Lm4. L-imputata kienet qaltilha li ser jieħdu Diamonds. Meta telgħet fil-karozza l-imputata qaltilha li l-pilloli kienu jiswew Lm4 u x-xhud qaltilha 'All right' u tatha l-flus. Wara ftit minuti l-imputata qaltilha biex tmur magħha t-toilet u x-xhud indunat li kienu ser jieħdu l-pillola ecstasy. Daħlu fit-toilet flimkien u l-imputata tatha l-pillola bajda.

L-aħħar prova li hemm fl-atti huwa l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr Joseph Apap Bologna. Din hija stqarrija tal-imputata ai termini tal-artikoli 24(A), (12), (13) u 30A tal-Kap 101. L-imputata kkonfermat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti li hi u Alison Galea kellhom jieħdu pillola ecstasy kull wieħed. U l-imputata kompliet hekk:

'L-għada Alison tatni Lm4 u l-imputata ħarġet erba' lira Maltin u l-imputata qalet lit-terza persunan sabiex tixtrilha 2 pilloli ecstasy mill-party. Din it-terza persuna ħadet il-flus minn għand l-imputata. L-imputata bdiet iddur sabiex tara minn fejn sejra tixtri. Kemm l-imputata kif ukoll ix-xhud bdew isaqsu lit-tielet persuna sabitx tixtri ecstasy. It-tielet persuna tat il-pilloli f'id l-imputata.'

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-ewwelnett dwar konsiderazzjonijiet ta' fatt. Jirriżulta b'mod l-aktar ċar li fil-parti tal-bidu tad-depożizzjoni tagħha bil-ġurament Alison Galea ma kenitx qed tgħid il-verita'.

Ir-raġunijiet huma dawn:

L-ewwelnett huwa stramb kif jinxtraw pillola u nofs biss u l-Qorti mhix temmen din il-vrżjojni.

It-tieni meta Alison Galea kkonfermat (bil-ġurament) dak li kienet qalet qabel fl-istqarrija tagħha jirriżulta li Alison Galea mhux veru li hi (Alison Galea) kienet tat il-flus direttament lit-terza persuna għax Alison Galea stess qalet li kienet tat il-flus lill-imputata.

It-tielet, fl-istqarrija ġuramentata magħmula mill-imputata, l-imputata stess qalet li t-terza persuna kienet ħadet il-flus minn għand l-imputata.

Ir-raba', il-pilloli ngħataw f'idejn l-imputata.

Għalhekk jirriżulta li l-imputata, imqar jekk ġabet pillola waħda għal ħaddieħor, u wkoll jekk m'għamlet ebda qligh, xorta waħda kienet qed tissuplixxi ai fini tal-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 u għalhekk il-Qorti qed issibha ħatja tal-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni kienet ammessa u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**L-Applikazzjoni tal-Proviso.**

Sakemm qed tinkiteb din is-sentenza, il-każ gwida huwa dak deċiż mis-STO il-Prim Imħallef fil-5 ta' Mejju 2008[1], 'Il-Pulizija versus Marco Galea'. Il-fatti ta' dak il-każ kienu dawn:

[1] Appell Kriminali 327/2007

'Ġurnata minnhom, Caruana li kellha sbatax-il sena, u Galea, li dak iż-żmien kellu biss tmintax-il sena, kienu waħedhom u l-imsemmija Caruana qaltlu li kienet imħajra tieħu l-eroina. Ftit wara qalilha li meta jixtri għalih kien ser jixtri għaliha wkoll. Lill-imputat Caruana qaltlu biex jixtilha b'Lm5. Dak il-ħin ma ħallsitux. Marco Galea xtara u ta lil Caruana . Dak il-ħin tajtu Lm5 tagħha wkoll.'

L-istess Qorti eżaminat il-proviso li kien introdott bl-Att XVI tas-sena 2006.

Il-Qorti spjegat il-proviso hekk:

'Huwa evidenti mid-diċitura tal-Liġi li, apparti konsiderazzjonijeit oħra li l-Qorti għandha tiżen sew qabel ma tapplika dan il-proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' mediċina involuta etc) trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn nid-droga tkun ser tiġi , jew tkun ġiet ikkonsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' għall-anqas persuan oħra. Il-kliem 'flimkien' u 'fl-istess psot' jissolttolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment imsejjaħ 'sharing' – jiġifieri li dak li jkollu d-droga **intiża għalih** jiddeċiedi li jaqsamha ma' ħadd ieħor **<u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess.</u>** Kif inhu risaput, fil-liġi tagħna min joffri d-droga li jkollu għall-użu tiegħu lil ħaddieħor - cioe' jaqsmaha ma' ħaddieħor – ikun qed jipprovdi ('supply' fit-test Ingliż) dik id-droga għall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar, u per konsegenza ikun qed jittrafika d-droga. Dak li l-leġislatur ried kien li meta jkollok każijiet żgħar u iżolati ta'

sharing – persuna jkollha d-droga għaliha u taqsmaha ma' ħadd ieħor – tkun tista' (iżda mhux bilfors – għalhekk iridu jitqiesu ċ-ċirksotanzi kollha tal-każ) tiġi evitata, għall-anqas għall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' priġunerija b'effett immedjat.'

L-istess Qorti kompliet tgħid li kien nieqes l-element ta' sharing għax Galea xtara mhux biss għalih uiżda wkoll għal Caruana li ħallsitu għal dak li kien xtralha. Fi kliem ieħor Galea pprovda d-droga lil Caruana versu l-korrispettiv ta' ħlas.'

Il-konklużjoni mis-siltiet hawn ċitati hija:

**Biex japplika l-proviso dak li jkun jiddeċiedi li jaqsam id-droga intiża għalih ma' ħadd ieħor fl-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess.**

Isegwi li, strettament, min jixtri għal ħadd ieħor ma jistax jibbenefika minn dan il-proviso. Għalhekk huwa inutli li wieħed jissottometti li l-proviso japplika wkoll meta jixtri għal persuna jew persuni oħra għaliex skond dan l-insenjament ma japplikax. Fejn aktar 'il fuq jidher f'ittri bold, l-enfasi ma saritx minn dina l-Qorti iżda mill-Qorti tal-Appell Inferjuri.

Madankollu, il-Qorti xorta qed tikkonsidra l-elementi kollha tal-proviso:

a) l-ammont u x-xorta ta' mediċina – pillola ecstasy waħda;
b) ix-xorta tal-persuna involuta: Tfajla ta' 18-il sena;
ċ) kundanni li kellha qabel – xejn
d) Probations ta' qabel – xejn;
e) Intenzjoni biex jikkonsma l-mediċina fl-istess post ma' oħrajn – iva għaliex effettivament hekk sar.

**Differenza mill-każ 'Il-Pulizija versus Marco Galea' –** f'dak il-każ jidher li l-**imputat** kien xtara biss għat-tfajla u ma kienx ikkonsma d-droga fl-istess post.

**Similitudni il-każ odjern u dak msemmi** – li d-droga ma kenitx intiża għall-persuna propja u din qasmitha; iżda sempliċiment xtrat għal ħadd ieħor.

**Applikazzjoni jew le tal-proviso.**

Il-Qorti jidhrilha li jkun aktar ġust li tapplika l-proviso minħabba (i) l-ammont involut (pillola waħda), (ii) ix-xorta tal-persuna, u (iii) n-nuqqas ta’ kundanni jew probations. Ma’ dan wieħed irid iżid il-punt tad-differenza msemmi aktar ‘il fuq kif ukoll li mill-istqarrija ġuramentata l-imputata għandha tibbenefika mill-artikolu 120(2B) tal-Kap 31 li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 40A(1)(a), 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A (1B), 120(2B) – li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101 – kollha tal-Kap 31, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 issib lill-imputata ħatja kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni (li kienet ammessa) b’dan pero’li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qed tapplika l-proviso introdott bl-Att XVI tas-sena 2006 li huwa l-ewwel proviso taħt is-subartikolu (7) tal-artikolu 120A tal-Kap 31, u li jista’ jintuża darba biss u qed tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta’ multa ta’ €940 li għandha titħallas fi żmien sitt xhur. Fin-nuqqas tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------